Il-vokali hekk fil-Għarbi, kif ukoll fis-Sanskritu, huma tlieta biss: *a, i, u.* Il-Għarab aħjar minn cullħadd laqgħuhom sewwa, billi sejħu l-*a Fatħa*, il-għaliex ma hix ħaġ'oħra ħlief il-*ftuħ* tal-ħalq; l-*i* sejħulha *Kasra*, l-għaliex biex wieħed igħid *i*, irid jgħawweġ, *jikser* ħalqu; u fl-aħħarnett l-*u* sejħulha *Dhamma*, il-għaliex mita wieħed igħid *u idomm* xuftejh. Il-vokali l-oħra ħarġu, minn dawn it-tlieta tal-ewwel: *e* hija jew *a* qasira, jew *ai* magħqudin flimkien; *o* hija jew *u* qasira jew *au* magħqudin flimkien. Minn dawn naraw kif ħarġu l-ħames vokali: *a, e, i, o, u,* li jinsabu mhux biss fl-ilsna semin, imma ukoll fl-ilsna arin.

Għandna wkoll nagħżlu l-vokali qsar, mill-vokali twal. Mita aħna ngħidu: *sar* u *sâr*, *niżel* u *nîżel*, *kul* u *kûl*, naraw malajar li l-vokali ma humiex kollha ta' tûl wieħed.

Fl-aħħarnett għandna wkoll inqisu li l-vokali jistgħu jiltaqgħu (6), ma' xulxin, u mita dan jiġri jew jitbiddlu f'oħrajn, ngħidu aħna *au* isiru *o*, jew inkella jibqgħu għalihom imma jinqraw f'daqqa waħda, u hekk isiru *dittong*, bħal mita ngħidu *kien.*

Fl-ilsna semin l-ebda sillaba ma jista' jkollha iżjed minn vokali waħda biss, u l-ebda sillaba ma tista' tibda b'vokali. Dan għadu jidher fil-Għarbi miktub. Għalhekk l-ankas ma' jista' jkun hemm dittongi, iżda billi kif għedna, *e* u *o* ħarġu minn *a* u minn *u* qsar, hekk ukoll minn *a* twila ħareġ id-dittong *ie*, u għalhekk aħna nistgħu l-lum insibu sillabi li fihom dittongi ta' zewġ vokali. Iżda ngħaddu aħjar sabiex naraw kif tbiddlu l-vokali u nfittxu il-għaliex tbiddlu ukoll. Dan ix-xogħol jidhirli li jkun ta' fejda kbira u x'aktarx aktar minn darba jurina kif għandna niktbu xi kliem fil-Malti.

**Patri Serafin M. Zarb, O. P.**

*(Jissokta).*

(6) Il-quddiem naraw aħjar kif il-vokali jistgħu jiltaqgħau ma' xulxin, u ma jidhirlix li dan jiġri fil-Malti biss, għad li fil-Għarbi miktub ma jiġri qatt.

# QALBIENI !

Niżel sa fl-aħħar
Wiċċu daħkan
U qabeż barra
Minn l-ajruplan,

Żagħżugħ fuq ruħu
Mibni b'saffejn,
Miktub ġe' ħarstu!
"Biża' ta' xejn..."

Kien ili siegħa
Għajnejja fih
narah jittajjar
Eħfef mir-riħ,

Jixref minn sħaba,
Għal oħra jżiġġ,
Jarġa' jistaħba,
Biex jarġa' jfiġġ,

Jogħla fuq denbu,
Jiċkien, jiċkien,
Sakemm ma jibqa'
Jidher imkien...

It-tvenvin jieqaf...
Jaqbdek bħal bard,
Tistħajlu nieżel
Jitkisser fl-art.

Iżda fis jarġa'
Jibda t-twerdin
U... ġwienħu arahom
Hemm mifruxin:

Imil qajl, qajla
Fuq ġenb, idur,
Ħelu jitwieżen,
Jaħrab, imur,

Jilwi, jitkabras,
Jiġri taħt fuq,
Jirħi, jiġġarraf
Fl-ajru mitluq..

Siegħa kien ili
Għajnejja fih,
Għalkemm beżżagħni,
Rajtu sabiħ,

Għax jien tgħaxxaqni,
Qalb kollha nar,
Egħruq u nervi
Sħaħ daqs l-azzar...

Sa fl-aħħar niżel
Wiċċu daħkan
U barra qabeż
Minn l-ajruplan,

Zagħżuħ bħal warda
Mibni b'saffejn,
Miktub ġe' ħarstu
"Biża' ta' xejn".

**Dun Karm.**